MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 512/1998/1

**Hal Mann Limited**

**v.**

**Saliba Godfrey**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Marzu 1998 gie premess illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenut, fl-ammont ta' elf tlett mija u seba' Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1,307.70)

(€3046.12), kif jirrizulta mill-prospett (Dok “A”) anness mac-citazzjoni; illi dan l-ammont jirraprezenta l-bilanc ta’ prezz ta’ diversi konsenji ta’ materjal tal-bini, madum, granit u accessorji lilu mibjughin u konsenjati mill-istess socjeta` attrici, f’Ottubru tal-1994, kif jirrizulta mill-kopji ta’ fatturi li juru l-materjal konsenjat lill-konvenut (Dok. “B”) u kif ukoll it-tqeghid tal-istess madum u granit; illi s-socjeta` attrici wettqet l-inkarigu minnha assunt, billi forniet il-materjal mitlub u wettqet ix-xoghol ta’ tqeghid, skond kif pattwit; illi l-konvenut naqas li jhallas l-imsemmi ammont ghalkemm debitament interpellat, anke permezz ta’ ittra ufficjali, sabiex jersaq ghall-hlas; dan premess is-socjeta` attrici talbet lil dik il-Qorti:-

“1. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm1,307.70 (€3,046.12), bilanc ta’ prezz ta’ diversi konsenji ta’ materjal ta’ bini, madum, granit u accessorji ohra, lilu mibjughin u konsenjati kif fuq inghad, kif ukoll it-tqeghid tal-istess.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Marzu 1996 u tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.”

B’nota pprezentata fit-3 ta’ Novembru 2000 (fol. 18) il-konvenut eccepixxa:-

“1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici stante li l-materjal supplit ma kienx tal-kwalita` pattwita u x-xoghol maghmul mill-istess socjeta` attrici ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“2. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Novembru, 2007 bil-mod segwenti:

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in parte u kollox fil-kuntest ta’ dak hawn deciz u biss inkwantu huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

“1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disa’ mitt Lira Maltija (Lm900) bilanc ta’ prezz ta’ diversi konsenji ta’ materjal ta’ bini, madum, granit u accessorji ohra, lilu mibjughin u konsenjati kif fuq inghad, kif ukoll it-tqeghid tal-istess minhabba dak hawn deciz.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Marzu 1996 u tal-Mandat ta’ Qbid indikat jinqassmu kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u kwantu ghall-terz mis-socjeta` attrici, u bl-imghax relattiv mid-data tat-30 ta’ Ottubru 2000 sal-effettiv pagament.”

Dik il-Qorti tat din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija kawza fejn is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta’ Lm1,307.70 (€3,046.12) bilanc minn prezz ta’ materjal tal-bini, madum, granit, u accessorji li gew mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut u dawn il-konsenji u xoghlijiet huma koperti b’zewg kuntratti separati, kwantu tal-madum Numru 3242 datat 11 ta’ Lulju 1994 (Dok. “MV1”), u dak relattiv ghall-granit Numru 23299 datat 13 ta’ Lulju 1994 (Dok. “MV 2”).

“Illi min-naha tieghu l-konvenut eccepixxa li l-materjal supplit ma kienx tal-kwalita` pattwita u x-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici ma kienx skond is-sengha u l-arti.

“Illi jirrizulta li l-madum tal-*mosaic* kien ghall-paviment tal-fond 45, Sliema Road, Gzira, waqt li tal-granit kien ghat-turgien ta’ barra kif ukoll ghaz-zoklatura tal-istess fond.

“Illi jidher li l-ilmenti tal-konvenut kienu fis-sens li l-madum kellu xfarijiet imtajrin, parti tal-madum kien nizel, u kien hemm differenzi bejn il-livell tal-madum u tal-granit li

tqieghed u dan kollox kif indikat fl-access li kien inzamm mill-Perit Tekniku Joseph Jaccarini. F'dan l-access l-istess perit tekniku kien indika li mill-ezami li ghamel il-madum ma kienx imdamdam, u fil-parti kbira tieghu kien jindika li l-madum kien imqieghed tajjeb u b'hekk l-istess perit tekniku kien issugerixxa li l-partijiet jittransigu. Jidher li konsegwenza ta' dan u bla pregudizzju saret offerta mis-socjeta` attrici lill-konvenut li kienet tinkludi tnaqqis fil-bilanc dovut u *polishing* mill-gdid tal-art, izda jidher li din l-offerta ma gietx accettata u minflok il-konvenut qabad u qala' l-madum u minfloku pogga ceramika li kien xtara minghand is-socjeta` attrici stess (Dok. "MV4"; "MV5"; u "MV6) u l-istess proprjeta` fejn sar il-madum giet trasferita lill-terzi.
"Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut kien sostna li kien innota li f'xi postijiet il-madum kien nizel u fejn timxi kien ifaqqa, li l-madum kien imxellef mad-dawra, li wara li l-madum gie *polished* kellu fih xi tbabbar. Dwar il-proposta ta' transazzjoni waqt il-kawza l-konvenut ighid li Martin Vella ghas-socjeta` attrici kien ippropona li l-konvenut ihallas biss l-ammont ta' Lm900 (€2,096.44), u l-konvenut kien qallu li kien ser ikellem lill-perit tieghu izda li ma jiftakarx x'qallu. F'dan il-kuntest jinghad li l-Perit Tekniku wasal ghall-konkluzjoni li din l-offerta tas-socjeta` attrici ma kienetx accettata mill-konvenut (fol. 113).

"Illi din il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Joseph Jaccarini fejn jidher li huwa nnota waqt l-access li l-madum kellu xi xfarijiet imtajrin u kien hemm xi postijiet fejn il-madum kien jidher li kien imdamdam meta sar it-taptip fuqu. Dan skond il-perit tekniku seta' gie mill-fatt li l-madum kien tqieghed fuq *sheeting* tal-*plastic* li fuqu nfirex ir-ramel jew ic-*chippings* u wara tqieghed il-madum. F'cirkostanzi simili l-istess perit tekniku kkonstata li jista' jirrizulta li l-madum idamdam minhabba li ma jkunx hemm hxuna bizzejjed tar-ramel fil-firxa tieghu qabel ma jsir it-tqeghid. Qal li peress li l-konvenut ma accettax l-offerta ta' transazzjoni tas-socjeta` attrici u wkoll peress li l-istess konvenut qabad u qala' l-madum u wahhal ceramika minn floku, u ghalhekk intilfet l-possibbilta` li s-socjeta` attrici taghmel dawn ix-xoghlijiet riparattivi u ghalhekk l-istess perit tekniku kkonkluda li s-somma mitluba mis-socjeta`

attrici ghandha tigi ridotta ghall-ammont ta' Lm900 (€2,096.44), somma li ghandha tigi kkonsidrata bhala wahda ragjonevoli ghaliex bl-agir tieghu l-konvenut cahhad lis-socjeta` attrici mill-opportunita` li taghmel xoghol rimedjali ghal dak il-materjal li gie kkonsenjat hazin u ghax-xoghol mhux tajjeb li sar. Din il-Qorti thoss li f'din is-somma l-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni li l-entita` ta' difetti ma kienitx dik pretiza mill-konvenut, anke peress li diversi allegazzjonijiet ta' difetti ma setghux jigu riskontrati minhabba il-bdil ta' madum mill-konvenut fil-mori tal-kawza. Fl-istess waqt il-perit tekniku hass li minhabba dan l-agir tal-konvenut, il-posizzjoni tas-socjeta` attrici giet pregudikata u b'hekk ha in konsiderazzjoni tnaqqis fis-somma mitluba biss.

"Illi fil-fatt in eskussjoni fuq domandi tal-konvenut jekk id-difetti ndikati mill-konvenut fil-madum ta' gewwa konsistenti fi *cracking* fil-*grouting* ta' bejn il-madum u c-caqliq tal-istess madum, il-fatt li f'xi postijiet l-istess madum kien niezel, u l-fatt li f'xi postijiet l-istess madum kien idamdam, u l-fatt li l-livell ta' dak il-madum ma kienx jaqbel ma' dak tal-granit tas-sollijiet tat-turgien ta' barra kienux jezistu kieku t-torba ta' taht il-madum saret skond is-sengha u l-arti, u l-istess madum twahhal skond is-sengha u l-arti, l-istess perit tekniku fir-risposta tieghu in eskussjoni datata 12 ta' Jannar 2007 sostna li tali difetti li gew elenkati setghu jirrizultaw anki jekk it-torba ta' taht il-madum kienet saret skond is-sengha u l-arti; qal ukoll li mhux abnormali li l-madum tat-tip li tqieghed jikkrakja b'xi piz u dan jigri anke f'dar ta' abitazzjoni meta l-madum jinstab maqsum minhabba l-piz mill-mobbli. "Mhijiex haga inaspettata li l-madum seta' ikkrakja f'*showroom* ta' vetturi meta hemm pizijiet koncentrati – *point loads* – trasmessi minn kull rota ta' kull vettura li tigi pparkeggjata fuq il-madum".

"Illi l-istess perit tekniku sostna hekk ghall-difetti ohra:-

*""Il-problema ta' tbajja u telf tal-madum, jistgha wiehed jattribwihom ghall-assorbizzjoni ta' ilma mill-wicc bil-hasil jew umdita mit-tajn tat-tqeghed u mhijiex rizultat ta' xoghol li ma sarx skond l-arti u s-sengha.*

*“Ma jridx wiehed jinsa li l-madum inqala waqt il-mori tal-kawza minghajr il-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti, minghajr pre-avviz lill-esponenti li kien jopponi ghal tali azzjoni jew li kien jinsisti li jkun presenti waqt il-qliegh tal-madum”.*

“Illi mhux hekk biss izda fuq domandi in eskussjoni mis-socjeta` attrici (fol. 127) l-istess perit tekniku sostna li fejn il-madum nizel *“l-esponenti kien attribwixxa dan ghall-fatt li fejn tqieghed il-madum kien intiz ghall-esposizzjoni ta’ vetturi li l-pis taghhom seta’ ikkaguna dan specjalment jekk xi vetturi ddahhlu fix-showroom immedjatament wara li tqeghid tal-madum tlesta, bir-rizultat li s-sodda ta’ tqeghid ma nghatatx iz-zmien biex tinxef biex seta’ jkun hemm adezjoni tal-madum ma’ l-istess sodda. U dan ma jistax jigi attribwit ghal xoghol li ma sarx skond l-arti u s-sengha...”.*

“Illi ghalhekk certament li l-hsara indikata ma kienitx tal-entita` indikata mill-konvenut, anke ghaliex tali allegati difetti ma gewx hekk ippruvati; izda dan ma kienx kollu ghaliex din il-Qorti thoss li wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza jirrizulta li r-rapport tal-perit tekniku u r-risposti tieghu in ezekuzzjoni wasslu ghall-konkluzjoni li l-materjal fornit mis-socjeta` attrici ma kienx kollu tal-kwalita` pattwita, u li x-xoghol tal-istess socjeta` attrici ma kienx kollu skond is-sengha u l-arti u dan peress li huwa sostna li kien hemm parti mill-madum li gie kkonsenjat li kellu x-xfarijiet imtajrin u dan rega’ kkonstatah in eskussjoni meta fuq domanda tas-socjeta` jekk il-materjal fornit kienx skond il-kwalita` pattwita, l-istess perit tekniku sostna li f’xi partijiet il-madum tal-*mosaic* li kien imqieghed fl-art kien ippittjat (fol. 135).

“Illi mhux hekk biss izda huwa kkonstata waqt l-access li kien hemm postijiet fejn il-madum kien idamdam meta sar t-taptip fuqu u dan setgha gara minhabba li l-madum kien tqieghed fuq *sheeting* tal-*plastic* li fuqu infirex ir-ramel jew *chippings* u wara tqieghed il-madum. Qal li f’cirkostanzi simili dan id-damdim jigri minhabba li ma jkunx hemm hxuna bizzejjed tar-ramel fil-firxa tieghu qabel ma jsir it-

tqeghid. Din il-konkluzjoni regghet giet ripetuta fir-risposta in eskussjoni numru 4 fejn a fol. 136 l-istess perit tekniku spjega wkoll li l-madum jista' jdamdam minhabba n-nuqqas ta' adezjoni bejn il-madum u tajn tat-tqeghid u anke minhabba l-fatt li madum kien tqieghed fuq saff *plastic* biex l-art setghet tigi protetta mill-umdita.

"Illi f'dan l-isfond din il-Qorti thoss li b'hekk il-perit tekniku stabbilixxa li kien hemm effettivament difetti pero` l-entita` taghhom ma kienitx kif indikata mill-konvenut u dan kemm ghaliex hekk irrizultalu u wkoll ghaliex l-istess perit tekniku ma setax jaghmel ezamijiet ulterjuri peress li vverbalizza li l-konvenut bla ma qallu kien qala' l-madum u bidlu; anzi jidher li l-istess perit tekniku, gustament dan ma stennihx li jsir waqt il-mori tal-kawza u minghajr ma jkun avzat huwa sabiex jekk ikun il-kaz jilhaq jezamina l-istess madum qabel jew waqt li kien qed jinqala. Dan jidher ukoll li huwa iktar gravi meta kien l-istess perit tekniku li ssuggerixxa wara l-access li l-partijiet jittransigu, u in vista' ta' dan sar suggeriment mis-socjeta' attrici, dejjem bla pregudizzju, li qatt ma gie accettat mill-konvenut, li minflok jidher li mexa ghal rasu u qabad u ghamel ix-xoghol li hemm bzonn bla ma qal lill-perit tekniku, ghalkemm xtara xi xoghol iehor minghand s-socjeta` attrici.

"Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li mir-rapport tal-perit tekniku ma jirrizultax li gie ppruvat li l-materjal fornit kien kollu mhux tal-kwalita` pattwita, u x-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici kien kollu mhux skond is-sengha u l-arti; izda gie ppruvat li parti mill-madum ikkonsenjat kien difettuz u parti mix-xoghol esegwiet  ma kienx skond is-sengha u l-arti, u dan minhabba r-ragunijiet teknici riskontrati mill-istess perit tekniku fir-rapport tieghu u fir-risposti tieghu in eskussjoni, konstatazzjonijiet li l-perit tekniku kien fil-kompetenza tieghu li jaghmel u anke lahaq ghamel qabel ma nqala' l-madum mill-konvenut u fuq din il-bazi din il-Qorti qed tadotta l-konkluzjonijiet tal-perit legali li allura l-ammont indikat fic-citazzjoni attrici jigi mnaqqas ghas-somma ta' Lm900 (€2,096.44).

"Illi min-naha l-ohra l-motivazzjoni tieghu fuq l-fatt li l-istess socjeta` attrici kienet ghamlet offerta bla pregudizju

lill-konvenut li tnaqqas l-ammont mitlub ghas-somma ta' Lm900 (€2,096.44) qed tigi rigettata u dan peress li l-offerta li saret mis-socjeta` attrici kienet biss bla pregudizzju u allura qatt ma tista tkun ta' motivazzjoni li biha il-perit tekniku jattribwixxi responsabbilta` lis-socjeta` attrici u dan ghaliex tali offerta ghal transazzjoni ma tfissirx ammissjoni ta' responsabbilta`.

"Illi fl-istess waqt din il-Qorti lanqas hija ghal kollox konvinta mill-motivazzjoni l-ohra proposta mill-perit tekniku fejn huwa qal li hemm xoghol hazin ghaliex accetta l-allegazzjoni tal-konvenut li rapprezentanti tas-socjeta` attrici kienu qalulu li ma kienux ser ihallsu lil min kien ghamel ix-xoghol ta' tqeghid, u hawn il-perit ikkonkluda li dan sar jew ghaliex kienu jafu x'xoghol ghamel din it-terza persuna, jew inkella ghaliex accertaw ruhhom li l-konvenut kellu ragun (fol. 116), u dan peress li din il-Qorti thoss li l-kliem allegat mill-konvenut f'dan ir-rigward ma giex ippruvat u lanqas ikkorroborat u dan meta kien jinkombi fuq l-istess konvenut li jipprova dak minnu allegat. Dan iktar u iktar meta l-ahjar prova fuq dan il-punt ma tressqitx mill-konvenut u dan konsistenti fix-xhieda ta' Raymond Vella (li allegatament qal dan il-kliem) u l-istess persuna li qeghdet il-madum. Certament li dan fih innifsu lanqas iwassal sabiex jinghad li s-socjeta` attrici accettat li ghamlet xoghol hazin.

"Illi izda madankollu jidher car li indipendentement minn dan l-istess perit tekniku abbazi tal-ezamijiet li huwa ghamel wasal ghall-konkluzjoni li parti mill-materjal konsenjat u parti mix-xoghol esegwit kien hazin u dan ibbazat kemm fuq konsiderazzjonijiet teknici u x-xhieda quddiemu prodotta li kienet tinkludi dik tal-konvenut u wkoll tal-Perit Anthony Muscat, u dan almenu sal-limitu li l-istess perit tekniku wasal sabiex qabel mal-lanjanzi tal-konvenut.

"Illi ghalhekk jidher car li konkluzjonijiet tal-perit tekniku ma kienux ibbazata biss fuq l-offerta li saret mis-socjeta` attrici waqt il-mori tal-kawza u lanqas fuq accettazzjoni ta' responsabbilta` *da parte* tas-socjeta` attrici, izda wkoll fuq konsiderazzjonijiet teknici kif fuq indikat;

konsiderazzjonijiet li  wkoll ghal certu difetti ohra indikati mill-konvenut inkluzi dawk indikati fin-nota tieghu datata 5 ta' Ottubru 2006  l-istess perit tekniku anke fl-eskussjoni tieghu ma laqghax, b'dan li jista' jinghad li l-perit tekniku accetta biss parti mil-lanjanzi tal-konvenut li huma proprju dawk indikati fir-rapport tieghu u fir-risposti tieghu in eskussjoni, u in kwantu l-istess huma bbazati fuq konsiderazzjonijiet tieghu teknici din il-Qorti hija disposta li taccettahom, kif l-istess qed taccetta li l-valur tal-istess difetti jwasslu sabiex it-talba attrici tigi ridotta ghall-ammont ta' disa' mitt Lira Maltija (Lm900) (€2,096.44).

“Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ghalhekk hija ma tistax taccetta dak li sostna l-konvenut li l-madum kollu u t-tqeghid kollu tal-istess kien sar jew gie supplit hazin u dan peress li l-perit tekniku dan qatt ma kkonstatah; mhux biss ghaliex dan ma jirrizultax, izda wkoll ghaliex l-istess perit tekniku ma thalliex jaghmel ezamijiet ulterjuri mill-konvenut minhabba l-mod kif l-istess agixxa fil-kawza. Min-naha l-ohra ma jistax jinghad li l-istess rapport sab li l-materjal fornit u x-xoghol li sar kien kollu tajjeb u l-konkluzjonijiet peritali ma humiex biss ibbazati fuq l-offerta tas-socjeta` attrici u fuq l-allegat kliem li qal rapprezentant tas-socjeta` attrici, izda l-istess rizultanzi, fejn instab li l-madum fornit ma kienx kollu tajjeb u li x-xoghol li sar ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti, huma bbazati wkoll fuq konsiderazzjonijiet teknici ndikati mill-istess perit tekniku u hawn indikati f'din is-sentenza, li min-naha taghha s-socjeta` attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha ghogobha li tinjora.

“Illi dwar il-punt  imqajjem mis-socjeta` attrici li l-kawza kienet tittratta biss dwar granit u dan peress li l-kawza hija bbazata biss fuq ftehim datat 13 ta' Lulju 1994, dan ma jirrizultax li huwa gustifikat peress li l-azzjoni u citazzjoni attrici tirreferi ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' diversi konsenji ta' materjal tal-bini, madum, granit u accessorji mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut u dan kif indikat kemm f'Dok. “A” u “B” annessi mac-citazzjoni attrici u ghalhekk din is-sottomissjoni ma hijiex qed tigi accettata mill-Qorti. L-istess jinghad ghat-talba attrici. Fuq dan, il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta' Martin Vella fit-23 ta' April

2001 (fol. 75) fejn mitlub jispjega ghaliex hemm dak il-kliem fic-citazzjoni attrici li ma jirreferix biss ghall-granit, huwa qal testwalment:-

*""Miniex f'posizzjoni li nispjega ghaliex il-kawza giet ipprezentata b'dan il-mod".*

"Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha fl-ammont ta' disa' mitt Lira Maltija (Lm900) (€2,096.44)."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fid-19 ta' Dicembru, 2007, talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza msemmija illi biha l-ewwel Qorti qatghet u ddecidiet billi filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-appellant biss *in parte* u kollox fil-kuntest ta' dak deciz u biss in kwantu huma konsistenti ma' dak deciz, laqghet it-talba attrici biss fis-sens hawn deciz b'dan illi kkundannat lill-appellant sabiex ihallas lis-socjeta` appellata s-somma ta' disa' mitt Lira Maltija (Lm900) bilanc ta' prezz ta' diversi konsenji ta' materjal ta' bini, madum, granit u accessorji ohra, lilu mibjughin u konsenjati kif fuq inghad, kif ukoll it-tqeghid tal-istess, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 1996 u tal-Mandat ta' Qbid indikat jinqasmu kwantu ghall-zewg terzi mill-appellant u kwantu ghall-terz mis-socjeta` appellata, u bl-imghax relattiv mid-data tat-30 ta' Ottubru 2000 sa l-effettiv pagament, u minflok filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant *in toto*, tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata, billi prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna tiddikjara illi ebda somma m'hija dovuta mill-appellant favur is-socjeta` appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta` attrici appellata.
Is-socjeta` attrici appellata pprezentat risposta ghar-rikors tal-appell tal-konvenut fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud u b'hekk is-sentenza appellata tigi kkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-istess konvenut appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba fejn il-Qorti kienet giet mitluba tikkudanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf tlett mija u seba' Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1,307.70) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi konsenji ta' materjal ta' bini, madum, granit u accessorji ohra kif ukoll it-tqeghid tal-istess.

Il-konvenut laqa' ghal din it-talba billi eccepixxa fl-ewwel lok li l-materjal fornit mhux tal-kwalita` pattwita u fit-tieni lok li x-xoghol esegwit ma sarx skond l-arti u s-sengha.

L-ewwel Qorti hatret espert tekniku biex jistabbilixxi jekk l-ilmenti tal-konvenut kienux gustifikati, u wara li hadet konjizzjoni tar-rapport hekk prezentat waslet biex accettat is-suggeriment maghmul mill-espert li ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-prezz billi kien hemm xi difetti, pero` mhux tal-entita` kif kien qed jilmenta l-konvenut. Konsegwentement ikkundannat lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm900 u ordnat li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati kwantu ghal terz mis-socjeta` attrici u zewg terzi mill-konvenut. Ordnat ukoll il-hlas tal-imghax mit-30 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

L-appellant ressaq essenzjalment zewg aggravji kontra s-sentenza appellata fejn qed jinghad li:-

a) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-konstatazzjonijiet li ghamel il-Perit Tekniku u tal-provi li gew migbura, liema konstatazzjonijiet u provi migbura kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanti, tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata *in toto;* u

b) l-ewwel Qorti ma setghatx ma tiddecidix il-kawza billi tichad *in toto* t-talbiet attrici, la darba laqghet l-eccezzjonijiet tieghu (cioe` tal-konvenut appellant).

**Ikkunsidrat:**

L-aggravji hawn fuq riportati huma konnessi billi marbuta mal-fatt li l-ewwel Qorti accettat *in parte* l-eccezzjoni

sollevata mill-konvenut appellant fis-sens li kien hemm difetti fil-materjal supplit u li x-xoghol ezegwit ma kienx kollu skond l-arti u s-sengha. Infatti qed jigi sottomess mill-appellant li gialadarba dik il-Qorti rriskontrat difetti kemm fil-materjal supplit kif ukoll fix-xoghol ezegwit, kellha ta' bilfors tichad it-talba attrici fit-totalita` taghha.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Jigi rilevat li f'materja ta' appalt li, bhala kuntratt bilaterali, huwa dejjem suggett ghal patt kommissorju tacitu li jaghti lill-appaltatur d-dritt li jirrexxindi l-kuntratt, dejjem gie ritenut li meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu pruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni jinsab fl-ezami jekk ix-xoghol, kif jirrizulta, ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejjhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew l-utilita` taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol, waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, il-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghall-kuntrarju, d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti, pero` jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni (**Blye Engineering Co. Limited v. Paolo Bonnici Limited**, Prim Awla 30/3/2001).

Issa fil-kaz in ezami gie konstatat mill-Perit Tekniku *"li ghalkemm kien hemm effettivament difetti pero` l-entita` taghhom ma kienitx kif indikata mill-konvenut*" (fol. 10 tas-sentenza appellata). Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti, konformement mal-principji hawn fuq enuncjati osservat:

"Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li mir-rapport tal-perit tekniku ma jirrizultax li gie ppruvat li l-materjal fornit kien kollu mhux tal-kwalita` pattwita, u x-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici kien kollu mhux skond is-sengha u l-arti; izda gie ppruvat li parti mill-madum ikkonsenjat kien difettuz u parti mix-xoghol esegwit ma kienx skond is-sengha u l-arti, u dan minhabba r-ragunijiet teknici riskontrati mill-istess perit tekniku fir-rapport tieghu u fir-risposti tieghu in eskussjoni, konstatazzjonijiet li l-perit

tekniku kien fil-kompetenza tieghu li jaghmel u anke lahaq ghamel qabel ma nqala' l-madum mill-konvenut u fuq din il-bazi din il-Qorti qed tadotta l-konkluzjonijiet tal-perit legali li allura l-ammont indikat fic-citazzjoni attrici jigi mnaqqas ghas-somma ta' Lm900 (€2,096.44)."

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ***Anthony Marcel Pace Asciaq noe v. Joseph u Salome Camilleri*** deciza fit-28 ta' Jannar, 2004: "*Il-kostatazzjoni dwar jekk l-opra gietx ezegwita skond l-arti u s-sengha hi materja ta' indole teknika, u dment li l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku ma gewx gravament imqeghda fid-dubju b'ragunijiet mhux privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami l-Qorti jkollha taccetta dawn l-istess konkluzjonijiet.*" Dan, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma pprevalietx ruhha, bhal fil-kaz in ezami, mid-dritt li titlob il-hatra ta' periti addizzjonali.

Kompliet tghid dik il-Qorti fis-sentenza hawn fuq imsemmija li meta l-appaltant ikun zamm l-opera ezegwita jew id-difetti riskontrati ma jistghux jigu kwalifikati bhala sostanzjali jew essenzjali b'mod li jipprivaw il-haga mill-iskop jew l-utilita` taghha, *"l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jacceta riduzzjoni."*

Din il-Qorti, filwaqt li taghmel taghha dan kollu hawn fuq riportat, u wara li ezaminat il-provi u s-sottomissjonijiet fir-rikors tal-appell tal-konvenut, ma ssib ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti u ghalhekk tichad l-aggravji mressqa.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza ghall-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------